**11 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Leslie Grech bħala mandatarju ta' l-imsifrin Dennis Taylor u Linda Taylor

*versus*

Nazzareno *sive* Ronnie Balzan, Roger Borg u Joseph Mangion għal kwalunkwe interess li jista' jkollu u b'digriet tal-5 t'Ottubru, 1987, l-Avukat Dottor Anthony Abela u l-Prokuratura Legali Carmen Depasquale ġew innominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Joseph Mangion

**Kuntratt – Nullità – Kunsens – Vizzju ta' Kunsens – Żball – Oġġett tal-Kuntratt – Impossibbilità – *Causa* – *Causa Illecita* – Ordni Pubbliku**

*L-atturi residenti u ċittadini esteri daħlu f'garanzija personali u avvanzaw xi flus in konnessjoni ma' negozju pprospettat. Fittxew għal dikjarazzjoni li l-iskritturi li kienu daħlu fihom kienu nulli u talbu rifużjoni ta' flus minnhom imħallas.*

*Ġiet miċħuda l-kontenzjoni ta' l-atturi illi l-kuntratti kienu nulli in kwantu l-kunsens ta' l-atturi kien ivvizjat bi żball ta' liġi.*

*Il-Qorti ddikjarat il-kuntratti li kienu saru kienu nulli u ineffettivi għaliex imorru kontra l-ordni pubbliku u ordnat ir-rifużjoni ta' flus imħallsa mill-atturi mingħajr imgħaxijiet.*

1. Bi skrittura tat-2 ta' April, 1986, l-atturi assumew garanzija solidali favur il-konvenuti Balzan u Borg għall-osservanza tal-kondizzjonijiet ta' lokazzjoni ta' fond kummerċjali lill-konvenut l-ieħor Joseph Mangion – inkwilin – Dokument A;

2. Bi skirttura oħra fl-istess data, l-atturi impjegaw lil Joseph Mangion bħala *"barman"* ta' l-imsemmi fond kummerċjali, mikri lil Mangion – Dokument B;

3. L-atturi ħallsu lill-konvenuti Balzan u Borg tliet mitt lira sterlina (Stg. 300) bħala depożitu u sussegwentement ħallsuhom ukoll elfejn lira sterlina (Stg. 2000) u elf lira Maltija (Lm1000) meta nħareġ kontra l-atturi mandat ta' impediment ta' safar;

4. Il-ftehim li għamlu l-atturi meta daħlu garanti, kien jirrikjedi permessi minn diversi awtoritajiet u dawn ġew irrifjutati – Dokumenti D u E, u konsegwentement dak kollu li sar huwa null għaliex ma jistax jiġi esegwit u huwa wkoll ivvizzjat billi kien hemm nuqqas ta' kunsens;

5. Biċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ, l-atturi talbu dikjarazzjoni li l-iskritturi huma nulli u l-pagamenti għalhekk ma kinux dovuti u l-ammonti mħallsa għandhom jiġu lilhom rifużi;

6. Il-konvenuti Borg u Balzan irrispinġew it-talbiet għaliex l-obbligazzjoni assunta mill-atturi kienet valida;

7. Fl-20 ta' Marzu, 1991, il-Qorti msemmija ppronunzjat id-deċiżjoni tagħha u senjatament qalet:

"... irriżulta li ż-żewġ skritturi huma intimament konnessi ma' xulxin u saru f'kontest wieħed, huma jirrigwardaw l-istess fond u l-konjugi Taylor u l-konvenut Mangion jidhru bħala parti fiż-żewġ skritturi. Iż-żewġ skritturi jagħtu lok għar-relazzjonijiet ġuridiċi differenti, però t-tnejn li huma jiskaturixxu minn intenzjoni waħda u unika;

L-intenzjoni tal-konjugi Taylor kienet li jinvolvi ruħhom f'negozju f'Malta *"in readiness for out retirement"*. Skond Dennis Taylor, il-konvenut Mangion informahom illi huma kellhom bżonn *"a Maltese partner for any business venture we undertook in Malta"* u ddeċidew li jdaħħlu lil Mangion magħhom fin-negozju propost;

Fil-fatt in-negozju sar u dan ħa l-forma ta' lokazzjoni ta' fond biex jiġi ġestit u operat bħala *"commercial premises"* bl-isem ta' *"Pot Black"*. Din il-lokazzjoni saret favur il-konvenut Mangion miż-żewġ konvenuti Balzan u Borg u fuq il-ftehim dehru l-konjugi Taylor li ggarantew l-obbligi ta' Mangion, b'obbligazzjoni *in solidum;*

Bit-tieni skrittura l-konjugi Taylor intrabtu li jipprovdu l-finanzi għall-ġestjoni tal-*bar* u li impjegaw lil Mangion bħala *'barman'* bl-iskop li l-*bar* ikun *"managed jointly by Mr & Mrs Taylor and by the barman";*

Illi evidentement li kieku l-konjugi Taylor ma għamlux il-ftehim ta' l-impjieg ma' Mangion ikkontenut fit-tieni skrittura, kieku huma ma kienx ikollhom għalfejn jidhru fuq l-ewwel skrittura biex jiggarantixxu l-obbligi assunti fuqha minn Mangion;

*Vis-a-vis* il-konjugi Taylor, l-ewwel skrittura saret biss minħabba li saret it-tieni skrittura u jidher ċar li l-waħda hija l-kawża ta' l-oħra;

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li t-tieni skrittura hija nulla, għar-raġunijiet li ta fir-relazzjoni tiegħu;

Però ma tistax tikkondividi l-konklużjonijiet l-oħra li wasal għalihom fl-aħħar tar-relazzjoni tiegħu;

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi ladarba t-tieni skrittura hija nulla, anki l-iskrittura ta' lokazzjoni in kwantu tolqot l-obbligazzjoni assunta mill-konjugi Taylor hija nulla wkoll, billi din l-obbligazzjoni effettivament hija waħda mingħajr kawża debita u jekk għandha xi kawża x'aktarx li din il-kawża hija waħda illeċita a tenur ta' l-artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili;

Inoltre din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel skrittura hija nulla in kwantu tolqot l-obbligazzjoni assunta mill-konjugi Taylor billi l-kunsens tal-konjugi Taylor ġie mogħti bi żball minħabba errur tal-liġi a tenur ta' l-artikolu 974 u 975 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għalhekk din il-Qorti jidhrilha li ż-żewġ skritturi huma effettivament nulli u bla ebda effett u konsegwentement l-obbligazzjoni assunta mill-konjugi Taylor favur il-konvenuti Balzan u Borg ma kinitx waħda valida;

Isegwi li l-flus li tħallsu mill-konjugi Taylor lil dawn iż-żewġ konvenuti a tenur ta' dik l-obbligazzjoni tħallsu indebitament u hemm lok li l-istess flejjes imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni jiġu rifużi lilhom;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti Balzan u Borg, tilqa' t-talbiet ta' l-attur *nomine* eżattament kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, iżda b'dan, li l-ispejjeż tal-kuraturi li jirrappreżentaw lill-assenti Joseph Mangion għandhom ikunu ssopportati mill-attur *nomine*";

8. Il-konvenuti Borg u Balzan appellaw u dan, għal dawn ir-raġunijiet:

(a) huma ma kinux parti fit-tieni skrittura u din lilhom ma tinteressahomx;

(b) il-garanzija tiddependi mil-lokazzjoni u kwindi jekk (il-garanzija) hija nulla, (il-lokazzjoni) taqa' awtomatikament. Iżda dan ma jreġix f'sens kuntrarju għaliex il-garanzija hi *obbligazzjoni sussidjarja għal-lokazzjoni, l-obbligazzjoni* prinċipali;

(ċ) fi kwalunkwe każ, però, kollox sar validament;

(d) ma kien hemm ebda vizzju tal-kunsens għaliex, kif ġiebu ruħhom l-atturi – jidher ċar li kienu jafu sewwa x'tgħid il-liġi, fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fi skritturi bħal dawk li ffirmaw;

(e) il-liġijiet rigward *"Exchange Control"* iwasslu għal proċeduri kriminali, u ma jittakkawx dak li validament isir skond

il-liġi ċivili;

9. Il-vizzju li jallegaw l-atturi meta taw il-kunsens tagħhom għaż-żewġ skritturi, huwa dak li jikkontempla l-art. 975 Kap. 16:

"L-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu";

Il-Qorti għandha tosserva illi għal kawżali ta' din il-kwalità, il-provi prodotti huma verament minimi;

A fol. 34 ta' l-inkartament hemm "affidavit" ta' l-attur Dennis Taylor, li sar fl-Ingilterra quddiem *"Solicitor"* Ingliż li ġie esibit fir-reġistru fit-8 ta' Awissu, 1988, u li ġie nnotifikat **biss** lill-konvenut Nazzareno Balzan, imma mhux lil Roger Borg u lill-avukat dottor Toni Abela. Sorprendentement ħadd ma oġġezzjona għal din il-kwalità ta' produzzjoni ta' prova, li ċertament ma tikkonferma ruħha ma' ebda liġi;

B'dan kollu, dan l-affidavit juri li l-attur Dennis Taylor ma setax kellu żball rigward il-liġi – ħlief fis-sens illi ta huwa stess u dak li ma kienx jaf, kien dovut, jew għan-negliġenza jew għal inġenwità da parti tiegħu – li ċertament ma jistax jibbenefika minnhom;

Jgħid infatti, li huwa ried **jixtri** negozju f'Malta. Il-konvenut Mangion suppost li nfurmah li biex ikun jista' jagħmel hekk kellu bżonn soċju Malti;

Issegwi din il-biċċa inġenwità:

*"On the basis that he was an ex-Policeman we naturally*

*assumed that like English Policemen he would know all the Maltese laws and any local by-laws, and we therefore agreed to join him into any venture we went into";*

Il-kuntratti ġew ifformulati min-Nutar, li kellu uffiċċju l-Belt Valletta, u li kien in-Nutar ta' Borg u Balzan – u dan il-fatt, joffri spunt lill-atturi biex mingħajr ma jridu juru li m'humiex dawk l-isprovveduti, li hemm bżonn ikunu, biex jikkommettu dak l-iżball li qed jallegaw:

*"at this point we* ***queried*** *the ethics in using the same Notary since English law does not permit separate parties to use the same legal entitities. We were informed that in Malta this does not cause problems and that the Notary would be unbiased and on that basis we signed the agreements and returned to England";*

L-atturi ma jagħtu ebda spjegazzjoni kif minn intenzjoni li **jixtru** negozju f'Malta waslu biss, biex jagħtu **garanzija** fuq lokazzjoni ta' ħanut; ma jagħtu ebda spjegazzjoni għaliex meta kienu jafu ben tajjeb li l-kapital kollu kienu se joħorġuh huma, kienu kuntenti li joqogħdu sempliċi garanti; ma jagħtu ebda spjegazzjoni kif waslu għat-tieni skrittura li ġġib id-data tat-2 ta' April, 1986, fejn huma ftiehmu li **jimpjegaw** bħala *"barman"* lil dik il-persuna li l-ġurnata ta' qabel kienet kriet il-ħanut, u li huma kienu ggarantew l-obbligazzjonijiet kollha tagħha bħala inkwilin;

10. Għal din il-Qorti mhux possibbli li remotament timmaġina li l-atturi għaddew minn din l-esperjenza kontorta mingħajr ma staqsew u indagaw x'kien ifisser dak kollu li kien qed jiġri, u dak li kienu qegħdin jagħmlu. Anzi, jekk kellhom

suspett rigward l-etika ta' nutar ma tantx jista' jkun hemm dubju li kienu informati kif imiss, li dak kollu li kien qed isir, kien immirat biex tiġi aġġirata l-liġi Maltija rigward il-projbizzjoni ta' persuni, li ma joqogħdux f'dawn il-Gżejjer, li jinnegozzjaw hawn, mingħajr diversi liċenzji mill-awtoritajiet;

Jgħid Roger Borg fix-xiehda ta' l-14 ta' Marzu, 1990:

"... rigward il-ftehim li għamilna għand in-Nutar Maurice Gambin, l-istess Nutar kien issuġġerixxa li wara li aħna nkunu għamilna l-ftehim mas-Sur Mangion, l-istess Mangion jagħmel ftehim ieħor mal-konjugi Taylor, kif fil-fatt sar";

Il-konvenut Mangion kien qed iservi prinċipalment bħala kontro-figura għall-veri protagonisti tal-kontrazzjoni jiġifieri l-atturi – tant illi Borg, fl-istess xiehda tiegħu jgħid:

"... wara dan l-"*agreement*" lil Mangion, jiena, ma kontx kellimtu aktar";

il-pretensjonijiet tiegħu, u ta' sieħbu, Nazzareno Balzan, kienu kollha diretti kontra l-atturi;

Din il-Qorti għalhekk ma tistax tikkondividi dak li tgħid, is-sentenza ta' l-ewwel grad, li l-kunsens ta' l-atturi ngħata b'effett ta' żball dwar il-liġi;

11. Il-konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt iridu jibdew b'żewġ kjarifiki. L-ewwel waħda hija li ż-żewġ skritturi saru t-tnejn fl-istess kontest, jiġifieri fl-istess negozju ġuridiku u billi huma tnejn u mhux wieħed, huwa manifest li mhux talli ma jistgħux jiġu separati u distinti, imma huwa ġuridikament

impossibbli li ma jiġux miftiehma bħala formalitajiet diversi li jirrispekkjaw realtà negozjali waħda;

Iż-żewġ skritturi huma difatti tentattivi inġenwi biex jissorvolaw l-ostakolu prinċipali tal-liġijiet viġenti, li ma jippermettu ebda forma ta' negozju f'Malta minn persuni li m'humiex ordinarjament residenti f'dawn il-Gżejjer – mingħajr diversi liċenzji u permessi amministrattivi;

It-tieni konsiderazzjoni hija li ċ-ċitazzjoni tipproponi bħala kawżali:

"illi l-ftehim ma jistax jiġi esegwit";

li, jekk tittieħed fis-sens legali tagħha, għandha tiftiehem li tirriferixxi għal dak li jipprovdi l-art. 985 Kap. 16:

"**Il-ħwejjeġ impossibbli,** jew ipprojbiti mil-liġi jew kuntrarji għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu **oġġett** ta' kuntratt;

Is-sentenza appellata, però, ikkunsidrat il-kawżali bħala li talludi għal ħaġa oħra, u qalet:

"... din l-obbligazzjoni (assunta mill-konjugi Taylor) effettivament hija waħda mingħajr kawża debita, u jekk għandha xi kawża, x'aktarx li din il-kawża hija waħda illeċita a tenur ta' l-artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili";

L-imsemmi artikolu 987 Kap. 16 jgħid:

"L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq

kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett'';

12. Din il-Qorti mhix obbligata li timpenja ruħha li tirrisolvi l-aspetti ġuridikament konfużi li dan kollu jimporta, kif kienet tkun obbligata li tagħmel kieku ma hijiex eżentata mill-fattur ta' ordni pubbliku li hemm fin-nofs tal-kwistjoni u li jġiegħlha tipprexxendi minn dak li jgħidu l-atturi fil-kawżali taċ-ċitazzjoni u mir-riferenzi li jagħmlu l-konvenuti rigward l-aġir ta' l-atturi **biss;**

13. Ma jistax ikun hemm dubju raġonevoli li dak kollu li sar fil-kontrattazzjoni bejn il-partijiet kien magħmul sabiex b'xi mod jew ieħor, tinstab soluzzjoni formalment ''legali'' biex jinqabeż l-ostakolu prinċipali li jimponu l-liġijiet li jipprojbixxu lill-persuni li m'humiex residenti f'dawn il-Gżejjer li, f'dawn l-istess Gżejjer, mingħajr liċenzji u permessi, jinnegozjaw, jaħdmu bi qligħ, jiffurmaw kumpanija, u soċjetajiet. U dan, għal din il-Qorti huwa prinċipju ta' Ordni Pubbliku, inwkantu m'huwiex lill-Qrati kkonsentit li jimplimentaw u jagħtu forza ġuridika u esekuttiva għall-kontrattazzjonijiet bejn privati għaliex naturalment, dawk il-kuntratti bejn privati ma jistax li jiġu kkonsiderati bħala, **il-liġi** bejn il-partijiet, inkwantu operat bħal dak ikun qed jippermetti, 'l-privati li jeżawtoraw il-poter leġislattiv, illum delegat lill-Istat, kontra d-dettam kostituzzjonali;

14. Għal kwalsiasi reklam li l-konvenuti Borg u Balzan jimmaġinaw li jistgħu jagħmlu – il-Qorti trid tfakkarhom illi ''*ex admissis*'' huma kienu ''ben konxji'' ta' dak li kien qed isir biex il-liġijiet jiġu aġġirati. Din il-konsapevolezza tagħhom esprimiha tajjeb Roger Borg fix-xiehda tiegħu tat-28 ta' Frar, 1990:

"... iltqajna fuq l-istess post (il-ħanut, li wara nkera) u wara li lil Joseph Mangion għamilnihielu ċara li aħna ridna **nittrattaw miegħu biss peress li hu kien ċittadin Malti u wara li huwa qalilna li ma kellux flus.** Joseph Mangion kien ġie assikurat mill-koppja Taylor li dawn kienu ser jibbakkjawh *(sic)* finanzjarjament";

Jiġifieri l-konvenuti riedu jikkontrattaw ma' Mangion **biss** – proprju għaliex kienu jafu li miegħu biss setgħu jikkontrattaw għaliex huwa biss kien ċittadin u resident f'Malta – imma mbagħad, billi kienu jafu li ma kellux flus, ħadu l-garanzija ta' dawk li magħhom ma setgħux jikkontrattaw, u meta ġew għas- "*si* u *no*", daru mill-ewwel fuq dawn, u lil Mangion wara l-iskritturi, ma kellmuhx aktar;

Din il-Qorti mhix lesta li tikkonsidra l-partijiet f'din il-kawża bħala għaqda ta' inġenwi, li ntilfu fil-labirinti misterjużi tal-liġijiet;

15. Għal dawn ir-raġunijiet – peress illi l-iskritturi bejn il-partijiet ta' l-1 jew/u tat-2 ta' April, 1986 – esibiti a folji 6 sa 10 tal-proċess – immarkati dokumenti A u B, li jesprimu negozju ġuridiku wieħed, għalkemm artikolat – imorru kontra l-Ordni Pubbliku kemm fl-oġġett u kemm fil-kawża – ta' l-istess kontrattazzjoni – tiddikjarahom nulli u ineffettivi u konsegwentement tordna r-rifużjoni tal-flejjes li l-konvenuti Nazzareno Balzan u Roger Borg irċevew mingħand l-atturi – mingħajr imgħaxijiet, inkwantu dawn id-danni, li sofrew l-atturi sofrewhom bi ħtija tagħhom ukoll – u f'dan is-sens tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiċħdu u tirriforma wkoll, fit-termini ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni ta' l-ewwel grad;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu kollha bla taxxa bejn il-partijiet.